

21.2.2024

A9-0445/282

**Emenda 282**

**Petar Vitanov, Achille Variati**

f' isem il-Grupp S&D

**Rapport**

**Karima Delli**

Il-liċenzji tas-sewqan

(COM(2023)0127 – C9-0035/2023 – 2023/0053(COD))

**A9-0445/2023**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 11 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Soġġett għall-osservanza tal-prinċipju tat-territorjalità tal-liġijiet kriminali u tal-pulizija, l-Istat Membru tar-residenza normali jista' japplika d-dispożizzjonijiet nazzjonali tiegħu dwar ir-restrizzjoni, is-sospensjoni, l-irtirar jew il-kanċellament tad-dritt tas-sewqan lid-detentur ta' liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru ieħor u, jekk meħtieġ, jissostitwixxi l-liċenzja għal dak il-għan.

*Emenda*

2. Soġġett għall-osservanza tal-prinċipju tat-territorjalità tal-liġijiet kriminali u tal-pulizija, l-Istat Membru tar-residenza normali jista' japplika d-dispożizzjonijiet nazzjonali tiegħu dwar ir-restrizzjoni, is-sospensjoni, l-irtirar jew il-kanċellament tad-dritt tas-sewqan lid-detentur ta' liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru ieħor u, ***inkluż fir-rigward li jintlaħaq il-limitu tal-punti ta' tnaqqis tal-mertu fl-ambitu tas-sistema nazzjonali ta' punti ta' tnaqqis tal-mertu tagħhom***, jekk meħtieġ, jissostitwixxi l-liċenzja għal dak il-għan.

Or. en

21.2.2024

A9-0445/283

**Emenda 283**  
**Petar Vitanov, Achille Variati**  
f' isem il-Grupp S&D

**Rapport**  
**Karima Delli**  
Il-liċenzji tas-sewqan  
(COM(2023)0127 – C9-0035/2023 – 2023/0053(COD))

A9-0445/2023

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 13a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Artikolu 13a*

*Sistema tal-punti ta' tnaqqis tal-mertu*

*L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu sistema tal-punti ta' tnaqqis tal-mertu li l-aħjar tissodisfa l-ħtiġijiet u l-partikolaritajiet tagħhom, u li tinkludi sett ta' penali fissi għal mill-inqas ir-reati ewlenin relatati mas-sikurezza fit-toroq inklużi fil-[Proposta għal Direttiva dwar l-infurzar transfruntier tar-reati tat-traffiku 2023/0052(COD)].*

*L-Istati Membri jistgħu jintroduċu penali aktar stretti taħt is-sistemi ta' punti ta' tnaqqis tal-mertu tagħhom matul perjodu ta' prova għal sewwieqa liċenzjati ġodda. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu skemi ta' regolarizzazzjoni għal imġiba tajba u xejriet mhux rikorrenti għal reati minuri.*

*Il-Kummissjoni tista' toħroġ linji gwida dwar l-aħjar Prattiki u tipprovdi referenzi biex tiffaċilita r-rikonoxximent reċiproku u l-infurzar transfruntier bejn l-Istati Membri li lesti jikkooperaw, inkluż permezz tar-RESPER.*

Or. en

21.2.2024

A9-0445/284

**Emenda 284**  
**Petar Vitanov, Achille Variati**  
f' isem il-Grupp S&D

**Rapport**  
**Karima Delli**  
Il-liċenzji tas-sewqan  
(COM(2023)0127 – C9-0035/2023 – 2023/0053(COD))

**A9-0445/2023**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 14 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. B'deroga mill-Artikolu 7(1), il-punti (b) u (d) rispettivament, l-Istati Membri **għandhom** joħorġu liċenzji tas-sewqan, f'konformità mal-Artikolu 10(1), għall-kategoriji B u C immarkati bil-kodiċi tal-Unjoni 98.02 speċifikat fil-Parti E tal-Anness I lill-applikanti li jkunu laħqu l-età ta' 17-il sena.

1. B'deroga mill-Artikolu 7(1), il-punti (b) u (d) rispettivament, l-Istati Membri **jistgħu** joħorġu liċenzji tas-sewqan, f'konformità mal-Artikolu 10(1), għall-kategoriji B, **C u C1** u C immarkati bil-kodiċi tal-Unjoni 98.02 speċifikat fil-Parti E tal-Anness I lill-applikanti li jkunu laħqu l-età ta' 17-il sena. **L-Istati Membri li jagħmlu użu mid-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, għandhom jirrikonoxxu b'mod reċiproku l-liċenzji tas-sewwieqa maħruġa skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fih.**

Or. en

21.2.2024

A9-0445/285

**Emenda 285**

**Petar Vitanov, Achille Variati**

f' isem il-Grupp S&D

**Rapport**

**Karima Delli**

Il-liċenzji tas-sewqan

(COM(2023)0127 – C9-0035/2023 – 2023/0053(COD))

**A9-0445/2023**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 15 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar il-penali għas-sewwieqa ġodda li jsuqu b'livell ta' alkoħol fid-demm li jaqbeż 0,0 g/ml **u** għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Dawk il-penali għandhom ikunu effettivi, proporzjonati, dissważivi u **nondiskriminatorji**.

*Emenda*

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar il-penali għas-sewwieqa ġodda li jsuqu b'livell ta' alkoħol fid-demm li jaqbeż 0.0 g/mL ***jew li jkunu taħt l-influenza ta' sustanzi psikotropiċi jew narkotiċi. Fiż-żewġ każijiet, l-awtoritajiet tal-infurzar għandhom jistabbilixxu limitu tekniku ta' kejl ta' tolleranza żero abbażi tal-aktar limitu baxx ta' kwantifikazzjoni li jqis l-esponiment passiv jew aċċidentali u jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Dawk il-penali għandhom ikunu effettivi, proporzjonati, dissważivi u nondiskriminatorji u jistgħu jinkludu skwalifiki mis-sewqan. L-Istati Membri jistgħu jestendu l-applikazzjoni tal-limitu 0.0 g/mL u s-sistema ta' tolleranza żero għad-drogi psikoattivi illeċiti għas-sewwieqa kollha.***

Or. en

21.2.2024

A9-0445/286

**Emenda 286**  
**Petar Vitanov, Achille Variati**  
f' isem il-Grupp S&D

**Rapport**  
**Karima Delli**  
Il-liċenzji tas-sewqan  
(COM(2023)0127 – C9-0035/2023 – 2023/0053(COD))

A9-0445/2023

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 15 – paragrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2a. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu regoli speċifiċi applikabbli għal sewwieqa ġodda ta' liċenzji tal-kategorija B fir-rigward tal-massa u l-potenza tal-magna tal-vetturi, billi jirrestrinġu l-potenza netta massima awtorizzata għal 55kW/t ma' massimu assolut ta' 200 kW, matul il-perjodu ta' prova. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar il-penali għas-sewwieqa ġodda fir-rigward tal-massa massima awtorizzata u l-potenza tal-magna tal-vettura misjuqa u jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Dawk il-penali għandhom ikunu effettivi, proporzjonati, dissważivi u nondiskriminatorji.**

Or. en

21.2.2024

A9-0445/287

**Emenda 287**  
**Petar Vitanov, Achille Variati**  
f' isem il-Grupp S&D

**Rapport**  
**Karima Delli**  
Il-liċenzji tas-sewqan  
(COM(2023)0127 – C9-0035/2023 – 2023/0053(COD))

A9-0445/2023

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 16a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Artikolu 16a*

*Għalliema*

*1. L-għalliema tas-sewqan għandhom jilhq u l-istandards minimi. Sa sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 21, sabiex tiddefinixxi rekwiżiti speċifiċi fir-rigward tat-tagħlim, li għandhom jinkludu mill-inqas:*

*(a) il-kwalifiki meħtieġa mill-għalliema tas-sewqan;*

*(b) il-kundizzjonijiet ġenerali;*

*(c) il-kwalifiki inizjali;*

*(d) garanzija ta' kwalità u tagħlim tul il-ħajja;*

*(e) drittijiet miksuba;*

*Il-Kummissjoni tista' sussegwentement temenda dawk l-atti delegati sabiex tqis l-iżviluppi tekniċi, operazzjonali jew xjentifiċi.*

*2. L-għalliema tas-sewqan li diġà kienu jaħdmu bħala tali qabel [...id-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] għandhom ikunu soġġetti biss għar-rekwiżiti dwar l-assigurazzjoni tal-kwalità u miżuri regolari ta' taħriġ perjodiku.*

